# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat*

*dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs**

**Christopher Sammut**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' **Christopher Sammut** numru tal-Karta tal-identita' 538772M fejn ġie akkuzat f'dawn il-Gżejjer, ġewwa d-Dolmen Hotel, San Pawl il-Baħar fl-1 ta' Diċembru 2013 fit-tmienja ta' fil-ghaxija u fis-siegħat ta' qabel ikkommetta serq ta' flus kontanti li jammontaw għal mitejn u għoxrin euro għad-detriment ta' Christine Schaffler u/jew persuni oħra u dan aggravat bil-mezz;

F'dawn il-Gżejjer f'Birkirkara u San Pawl il-Baħar u bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer fl-1 t'April 2014 u fix-xhur ta' qabel naqas milli jħares xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

b'digriet tas-17 ta' Settembru 2013 maħruġ mill-Imħallef M. Mallia LL.D. li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest u kif emendat sussegwentement.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li tħassar il-ħelsien mill-arrest kif ukoll tordna r-riarrest tal-imputat kif ukoll li s-somma ta' elf euro depożitata u s-somma ta' ħamest elef euro mogħtija bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba li tittratta mal-imputat bħala li huwa reċidiv u dan wara li ingħata diversi sentenzi mill-Qrati Maltin liema sentenzi saru definittivi u li ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat li matul is-seduta tat-2 ta' April 2014 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament u matul il-kors tal-eżami tal-imputat skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 6 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit tenna li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Rat id-dokumenti prodotti,

Rat u semgħet il-provi imresqin mill-Prosekuzzjoni;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

**<u>Ir-reat ta' serq kwalifikat.</u>**

Illi f'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li fid-data, post u lok indikati fil-komparixxi seħħet serqa ta' flus.

F'dan il-każ il-Prosekuzzjoni qegħda tistrieħ fuq identifikazzjoni tal-imputat in bażi għall-CCTV recordings li juru persuna maskili u li l-Prosekuzzjoni ittenni li huwa l-imputat. Provi oġġettivi oħra li jorbtu lill-imputat ma din is-serqa ma hemmx. Din il-Qorti ssibha ferm diffiċli li in bażi għal din is-CCTV recording u stills eżibiti tikkunsidra – lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni – li kien l-imputat il-persuna li jidher fl-istess recording u stills. Għalkemm hemm somiljanza vaga bejn ir-raġel u l-imputat din il-Qorti ma tistax tgħid b'serenita u integrita

intellettwali u morali li dik il-persuna kienet l-imputat. U li kien l-imputat dak li effettivament ikkommetta s-serqa fuq provi sal-grad rikjest mill-Liġi.

**<u>Il-ksur tal-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest.</u>**

Illi din il-Qorti hija wkoll mistiedna ssib lill-imputat ħati li f'dawn il-Gżejjer f'Birkirkara u San Pawl il-Baħar u bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer fl-1 t'April 2014 u fix-xhur ta' qabel naqas milli jħares xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'digriet tas-17 ta' Settembru 2013 maħruġ mill-Imħallef M. Mallia LL.D. li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest.

Issa din il-Qorti anke hawn għandha diffikulta li tikkonsidra din l-imputazzjoni, skont kif formulata bħala li hija pruvata sal-grad rikjest mill-Liġi. L-imputazzjoni hija marbuta b'data u perjodi speċifiċi 1 t'April 2014 u xhur ta' qabel u marbuta mad-digriet tal-imħallef Michael Mallia datat **<u>17 ta' Settembru 2013 u kif emendat sussegwentement</u>**. Dan ġie eżibit a fol 35. Biss aktar tard fil-proċess a fol 139 l-Ispettur Busuttil preżenta kopja tal-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest maħruġa mill-Maġistrat Dottor Audrey Demicoli u li kienu jmorru lura għas-27 ta' Marzu 2012. Issa wieħed jista' jifhem li l-Imħallef Mallia setgħa varja l-kondiżżjonijiet maħruġa oriġinarjament mill-Maġistrat Demicoli. Iżda l-imputazzjoni ma torbotx mal-kundizzjonijiet maħruġa

mill-Maġistrat Demicoli iżda hija ankrata fuq id-digriet tal-Imħallef Mallia **<u>kif emendat sussegwentement</u>** u mhux kif stipulat qabel. Għalhekk l-argument li l-imputat naqas li jiffirma xi drabi qabel id-data inkriminata f'dan il-każ, meta perġunta kienet taħbat madwar sentejn qabel (u mhux biss xhur) ma tistax titqies għall-fini ta' din il-kawża.

Mela d-data li din il-Qorti hija marbuta biha hija l-1 t'April 2014 u xhur ta' qabel. Issa verament li l-Ispettur Mallia jixhed li huwa sab diffikultajiet sabiex jintraċċja lill-imputat kif ukoll li l-imputat naqas milli jiffirma fl-għassa tal-Pulizija ta' Birkirkara wara t-30 ta' Novembru 2013. Anżi jżid li wara dik id-data kienu saru diversi tentattivi biex jinstab u biex jiġi notifikat jidher il-Qorti. Jgħid ukoll li kien hemm diffikultajiet biex jinstab. Din il-Qorti semgħet ukoll lil-PS 90 Jeffrey Gerada li tenna wkoll diffikultajiet biex isibu u jinnotifikaw lill-imputat.

Mhux għal kollox ċar mill-provi kemm kellu proċeduri pendenti l-imputat u li fihom ingħata l-ħelsien mill-arrest. Huwa żgur kellu żewġt digrieti li rregolaw il-posizzjoni tiegħu. Issa l-Prosekuzzjoni hija marbuta li ġġib "the best evidence" quddiem din il-Qorti. Għalkemm ix-xiehda tal-Ispettur Mallia u s-Surġent Gerada hija xhieda tajba u ta min jorbot fuqha, mill-banda l-oħra għall-fini ta' prova tal-imputazzjoni ta' ksur ta' kundizzjonijiet ta' ħelsien mill-arrest ma kienetx suffiċjentement preċiża, ċara u l-aqwa prova fiċ-ċirkostanzi. Kwantu tal-perjodu in kwistjoni, għalkemm l-Ispettur kien aktar ċar mis-Surġent ma

ġew preżentati ebda kopji ta' referti jew kopja tal-bail books in kwistjoni li jistgħu jippruvaw b'mod dokumentarju l-posizzjoni tal-imputat vis-a-vis s-sejbien tiegħu u l-qadi tal-obbligu tal-firma. Anzi il-Prosekuzzjoni eżibiet bail book għal perjodu li ma kienx rilevanti għal dan il-każ filwaqt li ma eżibietx dak il-bail book li dwaru xehed l-Ispettur Mallia. Inoltre mill-provi dokumentarji preżentati mid-Difiża waqt ix-xiehda tas-Surġent Gerada rriżulta li l-imputat, almenu għall-fini tal-kawża presjeduta mill-Maġistrat Dottor Claire Stafrace Zammit – bejn is-26 ta' Mejju 2013 u l-5 ta' Mejju 2014, fejn saru diversi seduti kien fil-fatt f'waħda biss u ċjoe dik tat-23 ta' Marzu 2014 li ntqal li l-imputat ma setgħax jinstab; iżda li kien deher fis-seduta sussegwenti madwar ħames ġimgħat wara. U dan peress li fis-seduta ta' qabel kien ġie dikjarat li ġie eżibit ċertifika mediku għall-imputat. Fid-dawl ta' dan l-isfond probatorju, din il-Qorti tqis li ma tistax tikkonkludi serenament li ġie pruvat **<u>lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni</u>** li kien hemm il-kommissjoni tar-reat addebitat fit-tieni imputazzjoni.

## *DECIDE*

Li qegħda ssib lil **Christopher Sammut mhux ħati** tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tilliberah minn kull ħtija u piena.

**Mogħtija illum it-3 ta' Marzu 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

***Aaron M. Bugeja***